# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 168/08MH**

**Illum 27 ta' Mejju, 2016**

**Carmelo Bezzina (KI 306849M)**

**vs**

**Ranier Galea (KI 253865M)**

**Il-Qorti;**

## I. Preliminari

Rat **ir-Rikors Guramentat tal-attur** prezentat fit-18 ta' Frar 2008 fejn gie premess:

*"1. Illi huwa waqt li kien qed isuq il-karozza numru FGY 057 kien involut f'incident tat-traffiku fit-18 ta' Dicembru 2006 gewwa tas-Sliema mal-vettura numru STS001 liema vettura kienet qed tinsaq minn Ranier Galea;*

*2. Illi ghal dan l-incident jahti biss l-intimat li kien qed isuq l-istess vettura b'mod traskurat, negligenti u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;*

*3. Illi b'rizultat ta' dan l-istess incident, l-esponenti sofra danni konsiderevoli u sejjer isofri danni futuro, u dana fost ragunijiet ohra imhabba l-griehi li huwa sofra f'dan l-incident li waslu ghal debilita' ta' natura permanenti ta' 5% kif iccertifika t-Tabib Ray Gatt, u dana kollu kif sejjer jigi ampjament spjegat waqt is-smiegh tal-kawza;*

*4. Illi l-intimat ghalkemm interpellat, anki tramite l-assikurazzjoni tieghu, sabiex jaddivjeni ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqa' inadempjenti;*

*5. Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett ghaliex din il-Qorti m'ghandiex (i) tiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni imhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti tat-traffiku da parte tieghu, (ii) tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi, u (iii) tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att;*

*6. Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-presenti kontra l-assikurazzjoni tal-intimat, kontra l-intimat li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-Risposta Guramentata tal-konvenut**[1] prezentata fil-5 ta' Mejju 2008 li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

[1] Fol 25

*"1. L-esponent jaccetta responsabilta' ghall-incident mertu ta' din il-kawza. Fil-fatt, ghamel claim mal-assikurazzjoni tieghu Elmo Insurance Limited u ddelega lill-istess assikurazzjoni sabiex titratta hi mat-terzi dwar l-incident;*

*2. Dwar l-entita' tad-danni pretizi mir-rikorrent, dawn huma kontestati. In partikolari huwa kontestat fejn ir-rikorrent qed jallega li konsegwenza tal-incident huwa garrab debilita' permanenti. Jispetta lir-rikorrent il-prova skond il-ligi li d-debilita' li jallega li garrab kienet konsegwenza diretta tal-incident u mhux relatata jew kagun ta' kondizzjoni medika li minha r-rikorrent kien qed ibati qabel l-incident. Jekk jirrizulta li dan tal-ahhar huwa l-kaz, allura l-esponent mhux responsabbli ghad-danni tar-rikorrent;*

*3. Fi kwalunkwe kaz l-esponent m'ghandux ibati spejjez gudizzjarji;*

*4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat ir-rapport *ex parte* tal-Konsulent Kirurgu fl-Ortopedija Mr Raymond Gatt datat 12 t' Ottubru 2007, ir-rapport tal-Perit Mediku mqabbad mill-Qorti Mr Carmel Sciberras datat 10 t' Ottubru 2008 kif ukoll ir-rapport tal-periti perizjuri Mr Massimo Abela, Mr Ivan Esposito u Mr Charles Grixti prezentat fit-2 ta' Gunju 2011.

Rat ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet u d-dokumenti esibiti minnhom.

Rat illi fil-mori tal-kawza l-partijiet kienu ghaddejjin bi trattativi bejniethom bl-iskop ta' transazzjoni, liema tahdidiet pero' ma kellhomx success[2];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur[3]. Il-konvenut minkejja li nghata opportunita' sabiex jirrispondi[4] baqa' ma pprezenta ebda sottomissjonijiet bil-miktub.

Rat id-digriet tal-25 ta' Jannar 2016[5] li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. Sintezi tal-provi

Xehdet **Michelle Spiteri** in rapprezentanza tas-Supretendent tal-Isptar Mater Dei[6] - Hija tat rendikont tal-istorja medika tal-attur skont kif tirrizulta mill-*file* tal-isptar fosthom li f'Ottubru 2006 kien gie riferut l-isptar mit-tabib tieghu ghax kellu ugiegh f'dahru. Kienu rawh fl-outpatients f'Awissu 2007. Injuries f'ghonqu jew fl-ispina ma kienx hemm. Mill-X Rays li hadulu irrizulta li kien hemm artrite fl-ghonq u fin-naha t'isfel tad-dahar u gie riferut ghall-MRI. Waqt dik il-vista tnizzel li l-attur kien involut f'incident f' Dicembru.

Xehed **Mr Ray Gatt**[7] - Huwa spjega r-rapport li kien ghamel dwar l-*injury* tal-attur u kkonferma d-dizabilita' permanenti ta' 5%. Huwa qal ukoll li meta

[2] Verbal tad-19 ta' Frar 2009 a fol 50
[3] Fol 135 et seq
[4] Ara verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2106 a fol 134
[5] Fol 134
[6] Fol 33 et seq
[7] Fol 35 et seq

ezamina lill-attur ma kienx jaf li dan kellu l-artrite. Fic-certifikat ma kkummentax li hemm artrite. L-X Rays tal-konsulent radjologu Pierre Vassallo li ntalab jikkummenta dwarhom ix-xhud, kienu juru artrite fil-parti t'isfel tal-ispina tad-dahar u mhux fil-parti ta' fuq. Dan ifisser li fl-ghonq m'ghandux artrite u l-5% dizabilita' kkonstatata minnu kienet riferibbli ghall-ghonq. Vista precedenti li l-attur ghamel ghand ix-xhud fl-2005 dwar spallejh m'ghandha ebda konnessjoni mal-*injury* li sofra sussegwentement f'ghonqu l-attur ghax din kienet problema muskolari. Il-5% dizabilita' tinkludi wkoll l-eta' tal-pazjent u wkoll jekk dan kellux problemi qabel. Ix-xhud ma jiftakarx x' xoghol kien jaghmel l-attur. Ir-*range of movement* tal-attur qabel ma ezaminah kien 50% tan-normal. Qal ukoll li ghalkemm mill-*file* mediku rrizulta li l-attur isofri mid-dijabete huwa mprobabbli li din taffettwa problemi fl-ghonq u normalment ma tikkagunax artrite.

Xehed **l-attur Carmelo Bezzina**[8] – Huwa ddeskriva d-dinamika tal-incident li sehh fit-18 ta' Dicembru 2006. F'dik l-epoka kellu 57 sena u kien jahdem bil-*minibus*. Kellu wkoll karozza tat-tigijiet u l-vettura li biha kien involut fl-incident (Skoda FGY 057) li kien juzaha bhala *taxi*. Kellu kuntratti ta' xoghol ma' kumpanniji bhall-Avis u kien anke jinghata xoghol mill-Koperattiva tal-*minibuses* li taghha kien membru. Kien jaghmel transport ta' tfal tal-iskola, haddiema ghax-xoghol u nies ghall-ajruport. Il-garaxx tieghu kien jismu *Harmony Garage*. Huwa qal li b'effett tal-incident ma setax ikompli jahdem ghax minhabba li baqa' jbati b'dahru u b'saqajh ma setax jibqa' jerfa' bagalji u affarijiet ohra. Ghal snin wara l-incident huwa kien ghadu jmur ghall-fisjoterapja, u dan darba jew darbtejn f'xahar. Huwa ghadu sal-lum ma thallasx tal-hsarat li garrbet il-vettura tieghu fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni u l-vettura ghadha ma ssewwietx.

[8] Fol 96A et seq, fol 107 u fol 109

Gew prezentati varji provi dokumentarji fosthom:

i. **Dikjarazzjoni dwar l-Incident tat-Taffiku *Front-to-Rear*[9]** – din turi li l-vettura tal-konvenut habtet mal-parti ta' wara tal-vettura tal-attur waqt li kienu qed isuqu fl-istess direzzjoni;

ii. ***Road Accident Report* tal-Pulizija[10]** – dan jispjega l-verzjoni tal-partijiet wara li sehh l-incident;

iii. **Rapport ex parte tal-Konsulent Kirurgu fl-Ortopedija Mr Raymond Gatt datat 12 ta' Ottubru 2007**[11] – Wara li ezamina lill-attur huwa kkonkluda li minhabba l-griehi li kien sofra in segwitu ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni, dan kien sofra 5% dizabilita' permanenti.

iv. **Rapport tal-Perit Mediku mqabbad mill-Qorti Mr Carmel Sciberras datat 10 ta' Ottubru 2008**[12] - Huwa kkummenta li xi aspetti dwar is-sahha tal-attur ma kinux ikkawzati mill-incident. Izda b'rizultat tal-incident l-attur garrab hsara fit-tessuti rotob sew tal-ghonq kif ukoll tad-dahar. Il-konkluzjoni ta' dan l-espert kienet li l-attur sofra dizabilita' permanenti ta' 7%.

v. **Rapport tal-periti perizjuri Mr Massimo Abela, Mr Ivan Esposito u Mr Charles Grixti prezentat fit-2 ta' Gunju 2011**[13] – Dawn l-esperti kkonkludew li kawza tal-incident l-attur sofra *hyperflexion/extension injury* f'ghonqu u f'dahru. Id-daqqa li sofra l-attur qanqlet xi problemi ta' sahha li

[9] Fol 4
[10] Fol 5
[11] Fol 9
[12] Fol 44 et seq
[13] Fol 84 et seq

kellu qabel. Il-konkluzjoni ta' dawn l-esperti kienet li l-attur sofra dizabilita' permanenti ta' 6%.

vi. **Dokumentazzjoni ohra - L**-attur ipprezenta numru ta' dokumenti konnessi kemm mal-ispejjez li ghamel b'rizultat tal-incident kif ukoll ma' telf ta' qliegh li huwa sofra kawza tal-istess.

## III. Konsiderazzjonijiet

Il-kawza tal-lum hija dwar incident awtomobilistiku li fih l-attur jghid li garrab dizabilita' permanenti f'ghonqu u f'dahru wara li l-vettura misjuqa mill-konvenut habtet mal-parti ta' wara tal-vettura tieghu gewwa tas-Sliema nhar it-18 ta' Dicembru 2006. Huwa qieghed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident kif ukoll li tillikwida u tordna l-hlas tad-danni konsegwenzjali favurih.

Il-konvenut minn naha tieghu accetta r-responsabilta' ghal dan l-incident izda qieghed jikkontesta l-entita' tad-danni partikolarment fejn l-attur qed jallega li b'rizultat tal-incident huwa sofra dizabilita' permanenti.

### *i. Dinamika tal-incident awtomobilistiku u responsabilita'*

Minn dak li rrizulta mill-provi, huwa pacifiku li nhar it-18 ta' Dicembru 2006 l-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni FGY-057 gewwa Triq it-Torri, Sliema. Waqt li kien wieqaf fit-traffiku hass daqqa fuq in-naha ta' wara tal-vettura tieghu u x'hin hareg biex jara x'gara sab li l-vettura li kienet warajh, misjuqa mill-konvenut, baqghet diehla go fih. Il-partijiet imlew il-formola *Front-to-Rear*. Minn dak dikjarat f'din il-formola, l-vettura tal-attur

garrbet xi hsarat fil-*bumper* filwaqt li dik tal-konvenut kellha hsarat fil-*bumper* ta' quddiem u fir-*radiator*.

Ma hemm ebda kontestazzjoni mill-konvenut dwar ir-responsabbilta' tal-incident tant li fl-ewwel eccezzjoni tieghu fir-risposta guramentata huwa jammetti t-tort kollu ghall-incident u ddikjara li kien anke ghamel il-*claim* relattiva mal-kumpanija tal-assikurazzjoni tieghu.

**Fid-dawl ta' dawn il-provi u ammissjonijiet, il-Qorti tqis li l-ewwel talba tal-attur hija ben pruvata u timmerita ghalhekk li tigi akkolta. Ghall-istess raguni l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut sejra wkoll tintlaqa'.**

***ii. Id-dizabilita' permanenti tal-attur***

Irrizulta b'mod mhux kontradett mill-provi li wara l-incident, l-attur hassu mugugh u fittex ghajnuna medika. B'rizultat ta' dan gew prezentati tlett rapport medici; tnejn minnhom redatti minn esperti mqabbda mill-Qorti stess u wiehed prezentat mill-attur wara li kkonsulta konsulent fl-ortopedija *ex parte*.

Fir-rapport mediku tal-konsulent kirurgu *ex parte* Mr Ray Gatt wara li ezamina lill-attur, huwa fost affarijiet ohra jirraporta hekk circa ghaxar xhur wara li kien sehh l-incident[14] -

*"Further recovery is unlikely as the patient has been undergoing physiotherapy since the accident with only some improvement. I would suggest this patient has sustained a permanent physical disability of 5 (five)%."*

Ir-rapport tal-espert mediku mqabbad mill-Qorti Mr Carmel Sciberras li

[14] Rapport datat 12 ta' Ottubru 2017 a fol 8 et seq

ezamina lill-attur circa sentejn wara l-incident stradali[15] ikkonstata li -

*"...d-degenerazzjoni u d-djuq bejn l-irkiekel li dehru fuq l-Xrays jumejn wara l-incident ma kinux ikkawzati mill-incident. Is-Sur Bezzina cahad li qatt kellu problem serji b'dahru jew b'ghonqu qabel minkejja x'deher fuq l-X-rays. Izda, mad-daqqa s-Sur Bezzina garrab hsara fit-tessuti rotob sew tal-ghonq kif ukoll tad-dahar. Biex nghidu hekk tqanqal l-artrite li diga' kien hemm.*

*Il-fatt li ilu aktar minn sena bl-ugiegh ma jawgurax tajjeb ghall-gejjieni. Il-fatt ukoll li skont is-Sur Bezzina, kellu jieqaf milli jsuq it-taxi u kellu jbiegh il-minibus juri xi ftit il-problema li qed ibati minnha. Is-Sur Bezzina jrid joqghod dejjem attent kif jitbaxxa, jerfa' ecc. Xi kultant ser ikollu episodji ta' ugiegh u ghebusija f'ghonqu u/jew f'dahru li ghalihom ikollu jistrieh u jiehu l-pilloli tal-ugiegh."*

Il-konkluzjoni ta' dan l-espert mediku kienet ukoll li l-attur huwa meqjus Ii sofra 7% dizabilita' permanenti.

Finalment, fir-rapport tal-periti perizjuri[16] id-dizabilita' permanenti tal-attur giet stmata ghal 6%. Dan wara li rrizultalhom li –

*"Carmelo Bezzina sofra 'Hyperflexion/extension injury' f'ghonqu u dahru meta kien involut f'incident tat-traffiku li sehh fit-18 ta' Dicembru 2006.... Li gara hu li din id-daqqa li sofra Bezzina ghanqlet dahru fuq problemi li kienu diga' jezistu. Biss anke jekk kien hemm problemi qabel, numru sostanzjali ta' nies li jsofru minn 'Hyperflexion/extension injury' jkomplu jkollhom problem permanenti. Skond l-iskala ta' 'Gargan u Bannister', Bezzina ghandu grad ta'*

[15] Fl-10 ta' Ottubbru 2008 – Rapport a fol 44 et seq
[16] Prezentat 2 ta' Gunju 2011 – Rapport a fol 84 et seq

*'C' u peress li ghad ghandu sintomi wara aktar minn sena, ghandu bejn 70% possibilita' li jibqa' bis-simptomi permanenti…. Ghaldaqstant ahna nistmghu id-dizabilita' permanenti li sofra Carmelo Bezzina, kagun ta' l-incident li kellu fit-18 ta' Dicembru 2006, ta' 6% (sitta fil-mija)."*

It-tobba esperti kkonstataw ukoll li l-attur sofra diversi konsegwenzi li affetwaw il-movimenti tieghu b'rizultat ta' din id-dizabilita' permanenti. B'zieda ma' dak li gie konstatat minn Mr Carmel Sciberras (kif kwotat aktar 'il fuq), il-periti perizjuri jikkonfermaw li "*b'rizultat tal-griehi li sofra l-attur irid joqghod attent ta' kif jerfa' l-oggetti u kif jitbaxxa. Jiddependi x'jerfa'. Fil-fehma tieghi jekk l-attur jigi biex jerfa' bagalja jrid joqghod attent jekk fiha jkun hemm xi materjal li jizen 'il fuq minn twenty kilos*[17]*."*

Il-qofol tal-kontestazzjoni tal-konvenut hija dwar jekk id-debilita' permanenti tal-attur hijiex konsegwenza diretta tal-incident awtomobilistiku jew inkella kinitx relatata jew ikkagunata minn kundizzjonijiet medici ta' sahha pre-ezistenti ghall-incident[18]. It-tobba kollha nvoluti fil-kaz odjern sarulhom domandi specifici dwar dan.

L-espert mediku Mr Carmel Sciberras wiegeb hekk[19]:

*"Hija komuni hafna li meta jittiehed X-Ray ta' persuna li ghandha 'l fuq minn 40 sena nsibu digenerazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-ghonq. Digenerazzjoni tfisser artrite. It-tip ta' injury li rajt jien fil-pazjent ma setghetx tizviluppa fi zmien jumejn. L-X-rays kienu ttiehdu granet wara l-incident. Jiena niddeskrivi l-problema li kellu l-attur bhala mild disc space narrowing at C5 stroke 6 ara fol 45. Dan b'referenza ghal x'kienet l-extent tal-hsara li kellu f'ghonqu qabel l-*

[17] Fol 129
[18] It-tieni eccezzjoni tal-konvenut fir-risposta guramentata tieghu
[19] Xhieda a fol 128

*incident. Normalment, dawn is-sintomi jew nuqqasijiet li kellu f’ghonqu l-pazjent ma jhoss l-ebda konsegwenza. Mad-daqqa l-attur sofra hsara fil-ligaments u fil-mussel. Dawn nirreferi ghalihom bhala tessuti l-ohra fir-rapport.* ***Jien meta stabbilejt is-sebgha fil-mija l-fattur dwar l-artrite fl-ghonq hadtu in konsiderazzjoni***[20]*.”*

Il-periti perizjuri xehdu hekk[21]:

*“Nikkonferma li fl-ezami kliniku li ghamilna ahna t-tlieta rrizultalna li kien hemm spasm u ugiegh u din fil-parti li nirreferu ghaliha bhala trapezium. Din tigi dan huwa muskolu fuq in-naha tal-lemin. Mistoqsijin mill-Qorti jekk dan hux relatat mal-incident jew inkella mal-kundizzjoni digenerattiva, li gie konstatat li ghandu s-Sur Bezzina meta ttihdulu l-X-rays nghidu, probabilment din hija kagun tal-griehi li sofra l-incident.... Is-6% disability li ffissajna ahna tkompri l-partijiet tal-gisem tal-attur li jikkomprendu l-ghonq, ix-xewka tad-dahar u d-driegh. Nikkonferma li ahna fir-rapport taghna semmejna kif wasalna ghal dawn is-6%.... inti trid tikkunsidra l-eta’ tal-pazjent, il-kundizzjoni tieghu, fatturi godda dan jekk ikunu damu aktar minn sena fuq il-pazjent is-sintomi. Hawnhekk tasal ghall-konkluzjoni li dan qed ibati minn dizabilita’ permanenti u prognosis ukoll ghall-futur.* **Nikkonfermaw ukoll li fil-qadi tal-inkarigu taghna, ahna kkunsidrajna ukoll fil-fatturi li l-pazjent mir-ricerka li ghamilna l-isptar, irrizulta li ghandu early degenerative changes. Li kieku ma kellux din il-kundizzjoni, l-persentagg kien ser ikun aktar minn 6%**[22]**.***”*

Mill-istess rapport tal-periti perizjuri fil-fatt jirrizulta lli huma kienu raw ukoll *“n-noti medici”* minn fejn irrizultalhom *illi “Bezzina kien diga jsofri minn*

[20] Tipa grassa b’enfasi tal-Qorti
[21] Xhieda a fol 129
[22] Tipa grassa b’enfasi tal-Qorti

*problem fl-ghonq u d-dahar ghax kellu riferta minghand it-tabi* (recte *tabib) biex jarrah Dr.Ray Gatt l-Orthopaedic outpatients u din kienet datata Ottubru 2006. Bezzina kellu .....'early degenerative changes'. "* [23]

Fid-dawl tas-suespost jirrizulta a sodisfazzjon tal-Qorti li minkejja li l-attur kellu xi problemi ta' sahha sa minn qabel l-incident, irrizulta ampjament illi huwa sofra certi *injuries* li kienu b'rizultat dirett ta' dan l-incident. Gie muri wkoll li d-dizabilita' permanenti tal-attur giet stmata mit-tobba esperti wara li hadu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom l-eta' u l-istorja medika tieghu u ghalhekk il-persentaggi stabbiliti huma realistici u kompatibbli ma' dak li sofra l-attur b'rizultat dirett tal-incident in kwtistjoni.

Ma hemm ebda dubju ghalhekk li l-attur sofra danni u ta' dan ghandu jigi kkumpensat.

### *iii. Likwidazzjoni ta' danni*

Il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi biex tikkunsidra t-tieni u t-tielet talba tal-attur dwar il-likwidazzjoni u hlas ta' danni.

L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jistipula illi –

***"1045.*** *(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li*

[23] A fol 88

*dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

Fis-sistema nostrali, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Fil-kaz ricenti fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deciz fil-25 ta' Frar 2016**[24] din il-Qorti diversament preseduta elaborat b'mod elokwenti l-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija* ***"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"*** *– A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza* ***"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"*** *– A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi –* ***"Savona vs Asphar"*** *App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("****Emanuel Mizzi vs***

[24] Rik Gur 836/01LSO

***Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." – **"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"** – Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz **"Paul Debono vs Malta Drydocks"** P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or*

*worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases.”* ***(Peter Cane, Atiyah’s Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta’ ‘chances and changes of life’ jew ‘vicissitudes of life’.*

*Fil-kaz “***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***”( Appell deciz fil-5 ta’ Marzu 1986) gie ribadit li:*

*“In-numru ta’ snin adottat bhala multiplier m’ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-‘chances and changes of life’."*

*Dwar dan insibu wkoll li nghad mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Zammit u Paul Zammit vs Duncan Galea et****. deciza fis-26 ta’ Gunju, 2015 illi;*

“*Din il-Qorti jidrilha li wiehed mill-aktar pronunzjamenti ricenti taghha fir-rigward u cioe` dik fis-sentenza fl-ismijiet* ***Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited (31 ta’ Jannar 2014)*** *ghandu jservi ta’ gwida. F’dik is-sentenza l-Qorti qalet fost affarijiet ohra li:*

*“Dwar il-multiplier ta’ 40 li uzat l-ewwel Qorti, meta tqis li l-attur kellu 23 sena meta wegga’, u meta tqis ukoll li l-hajja lavorattiva qeghdha dejjem*

*tizdied, izda, min-naha l-ohra, meta tikkonsidra l-element tac-"chances and changes in life", li minn dejjem gie kkonsidrat bhala parti integrali mill-komputazzjoni tal-hsara, izda li l-ewwel Qorti donnha ma qisietx, tara' li multiplier ta' 35 ikun wiehed* aktar *gust. Kif tghid l-awtrici* ***Vivienne Harpwood*** *fil-ktieb* ***"Modern Tort Law"(****ediz. 2009, pagna 438):*

*""Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystall ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future."*

"*Din il-Qorti, fil-kawza* ***Gauci v. Bugeja****, deciza fis-27 ta Novembru, 2009, ikkummentat li, fil-verita`, wiehed ma jistax jaghti previzjoni tal-hajja lavorattiva, u kien fid-dawl ta' dan li ddahhal fil-gurisprudenza l-fattur tac-"chances and changes of life". B'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri osservat illi: "il-kuncett ta' "the changes and chances of life", gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor... tenut kont ta' dan isegwi li l-working life expectancy ma ghanux ikun ikkunsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-"multiplier".*

*"Hekk ukoll, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kaz* ***Busuttil et v. Farrugia****, deciza fl-4 ta' Ottubru, 2011, ghamlet din l-osservazzjoni fir-rigward ta' guvni li kien se jaghlaq tmintax (18) –il sena.*

*"Din il-Qorti tqis li ghalkemm hemm gurisprudenza fis-sens li l-multiplier ghandu jsir a bazi tal-eta` penzjonabbli pero` hemm gurisprudenza u din il-*

*Qorti tqis li hi aktar gusta u ekwa li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni c-chances and changes of life li ma jfissrux necessarjament li persuna necessarjament ser tibqa' tahdem sal-eta` penzjonabbli specjalment meta din ic-cirkostanza fil-kaz partikolari kienet ghadha 'l boghod hafna."*

*Il-multiplier gie ikkwantifikat kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra din il-linja ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[25]. Illum huwa ukoll accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier*

[25] ***"Borg pro et noe vs Muscat"** P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*

*ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji*[26].

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"Annunziata sive Nancy***

---

[26] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

***Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis- 27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **"Jos Agius vs All Services Ltd."** (P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela"** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u **"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd**." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).*

B'applikazzjoni tal-principji suesposti ghall-kaz odjern, il-Qorti taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

1. Ghal dak li hu **damnum emergens** l-attur prezenta diversi ricevuti:

   a. Ricevuta datata 12 t'Ottubru 2007 ghall-ammont ta' Lm40 **(Eur93.17)** bhala hlas ghal servizzi professjonali lil Konsulent Kirurgu Ortopediku

Mr Ray Gatt[27];

b. Ricevuta datata 20 ta' Dicembru 2006 ghall-ammont ta' Lm46 **(Eur107.15)** bhala hlas ghal X-rays mehuda fil-*Medical Imaging Centre*[28];

c. 10 ricevuti mmarkati minn Dok CBA sa Dok CBE[29] li jkopru spejjez primarjament ghal servizzi medici professjonali li rcieva, fizjoterapija u massaggi. Il-Qorti izda mhijiex sejra taccetta 3 ricevuti prezentati mill-attur b'deskrizzjoni vaga ta' "*treatments*"[30] – mhuwhiex car x'tip ta' trattamenti kienu dawn u lanqas gie muri li dawn it-trattamenti kienu relatati ma' xi trattament/terapija ordnata mit-tobba in segwitu ghall-incident. Lanqas ma hu acettabbli ghal Qorti dawk it-treatments/body messages li jidhru li saru go "*Chinese Message Centre"*[31], dwar dawn il-Qorti ma sabet ebda referenza minghand il-konsulent Gatt u frankament ghandha dubbji serji kemm qatt saret din ir-referenza ghal hekk. Il-konsulent kif jirrizulta minn Dok CBC[32], kien fil-fatt qed jigi kkunsultat fuq fisioterapija mhux *body messages*. It-total ghalhekk li sejjer jigi akkordat huwa ta'– **Eur103.73[33];**

d. 8 ricevuti mmarkati minn Dok X1 sa Dok X8[34] - 7 minn dawn ir-ricevuti huma ghal servizzi ta' massaggi. Il-Qorti mhijiex ser taccetta r-ricevuta datata 1 ta' Novembru 2013 (Dok X3) ghall-ammont ta' Eur40 ghaliex din ma tidentifikax x'tip ta' servizz ircieva l-attur u kif dan seta' kien

[27] Fol 10
[28] Fol 13
[29] Minn fol 68 sa fol 72
[30] Ricevuta datata 24 t'Awissu 2010 ghall-ammont ta' Eur28 a fol 68; u zewg ricevuti t-tnejn datati 31 t'Awissu 2010 ghall-ammonti ta' Eur28 u Eur23 rispettivament a fol 69
[31] Fol 70 u 71
[32] Fol 70
[33] Fir-rigward tad-Dok CBE fol 72 il-Qorti minhabba dubbju fit-total qeghda tghodd iz-zewg ammonti flimkien.
[34] Fol 110

direttament konness mal-konsegwenzi li sofra kawza tal-incident awtomobilistiku u lanqas ghar-ragunijiet gia suriferiti dak immarkat bhala Dok X6 (Beauty Paradise Massage). It-total ghalhekk li sejjer jigi akkordat huwa ta'– **Eur145.00;**

e. Stima tal-hsarat fil-vettura Skoda FGY-057 misjuqa mill-attur fil-hin tal-incident[35] - l-attur esibixxa din l-istima u xehed b'mod mhux kontradett li tal-hsara li garrbet il-vettura huwa ghadu ma thallasx u l-vettura ghadha ma ssewwietx[36]. Il-Qorti sejra ghalhekk tilqa' l-istima tal-hsarat kif indikati mis-*surveyor* ghall-ammont ta' Eur726.99 + loss of use ta' 2-3 ijiem Eur34.94. Total **Eur761.93**

**Fid-dawl tas-suespost il-Qorti sejra tillikwida d-*damnum emergens* fl-ammont totali ta': Eur1,210.98 (elf mittejn u ghaxar Ewro u tmienja u disghin centezmu).**

2. Ghal dak li hu **lucrum cessans:**

Jirrizulta mill-provi li l-attur kellu sebgha u hamsin (57) sena fl-epoka tal-incident[37]. Dwar l-*employment history* tal-attur irrizulta li huwa kien jopera azjenda bl-isem ta' *Harmony Garage*[38] li toffri servizzi ta' kiri ta' vetturi u transport ghall-ajruport, skejjel u ghax-xoghol u eskursjonijiet kif ukoll ghat-tigijiet. L-attur jghid li kellu 3 vetturi – *minibus*, karozza tat-tigijiet u l-vettura li biha kien involut fl-incident (Skoda FGY 057) li kien juzaha bhala *taxi*. Huwa xehed li kien jinghata xoghol minn kumpaniji bhall-Avis kif ukoll mill-

[35] Fol 23
[36] Xhieda a fol 96B
[37] Data tat-twelid 17 ta' Frar 1949
[38] Fol 97

Koperattiva.

L-attur jghid ukoll li bhala konsegwenza diretta tal-incident huwa ma setax ikompli jahdem ghax minhabba li baqa' jbati b'dahru u b'saqajh ma setax jibqa' jerfa' bagalji u affarijiet ohra. Izda f'dan il-kuntest il-Qorti sejra tikkonsidra wkoll dak li qalu l-esperti medici:

*"In-natura tax-xoghol tieghu skont ma qalilna, kien li hu xufier ta' minibus. Hu jista' jsuq imma b'limitazzjoni. Meta ezaminajnieh, 50% seta' idawwar ghonqu. Kellu ugiegh fic-cinturin tad-dahar. Dan jaghmillu restrizzjoni ta' kif jerfa'. Imma ma jfissirx li ma jistax jerfa'. L-ugiegh fic-cinturin, kien diga' prezenti qabel l-incident imma dan issa zviluppa ukoll fir-rigel tal-lemin. Ahna ma neskludux li f'6% l-attur kien kapaci jkompli jahdem, imma jaffetwa wkoll it-tip ta' vettura illi ghandu. Ghandek vetturi illi huma aktar komdi biex timmanigja.*

*……Naghmluha cara li ahna m'ahniex qed nghidu li l-attur minhabba s-sitta fil-mija dizabilita' ma setax isuq aktar. Nikkonfermaw li qabel ma sehh l-incident, il-moviment kien diga' limitat anka fir-rigward (recte) tas-sewqan tal-vetturi imma dan kien ftit ...Ahna mhu(x) qed nghidu li b'rizultat tal-griehi li sofra l-attur, dan ma setax ikompli jahdem. Ahna nikkonfermaw anzi li seta' jaghmel xoghol ta' driver imma jiddependi n-natura tax-xoghol li qed jaghmel bhala driver. U dan mehud in konsiderazzjoni t-tqandil u t-tip ta' vettura li jkun qed isuq. Nikkonfermaw li s-Sur Bezzina seta' b'attenzjoni jkompli jaghmel ix-xoghol tieghu xufier ta' minibus. Imma dan irid ikun xoghol li jaghmlu b'attenzjoni. U jiddependi ukoll il-load tal-bagalji ghax certu load ma jaghmillux il-gid."*

Fid-dawl ta' dawn id-dikjarazzjonijiet mill-esperti l-Qorti ma tilqax it-tezi tal-attur li bhala konsegwenza tal-incident huwa kien necessarjament kostrett jieqaf

mix-xoghol kompletament. Dan jinghad aktar u aktar meta skont kif xehed l-attur stess, l-azjenda li kien jopera kienet taghti servizzi varji u ghalhekk f'distanzi varji u ta' natura varja. Certament l-attur kellu a dispozizzjoni tieghu opportunitajiet diversi biex ikompli x-xoghol tieghu b'certa attenzjoni inkluz vjaggi bit-tfal tal-iskola u vjaggi bin-nies tax-xoghol, tigijiet (fejn m'hemm ebda tip ta' tqandil), eskursjonijiet f'distanzi mhux twal ecc.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet kollha il-Qorti sejra tipprocedi billi tadotta l-persentagg ta' 6% kif stabbilit mill-periti perizjuri ghall-fini ta' kalkolu. Ghar-ragunijiet appena msemmija l-Qorti ma tilqax l-istedina tal-attur sabiex hija tgholli dan il-persentagg ta' dizabilita' biex ikopri dak li huwa jsejjah 'l-aspett ekonomiku tad-dizabilita' u cioe' s-sofferenza fl-ezercizzju tal-mestier tieghu bhala sewwieq li huwa kellu "jabbanduna"[39].

Fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz, ghal fini ta' *multiplier* il-Qorti sejra tillikwida danni sa 61 sena u cioe' erba' snin, li ghandhom ukoll jirriflettu *c-chances u c-changes of life.*

Ghal dak li huwa *quantum* il-Qorti tinnota li skont id-dokumentazzjoni esibita mill-attur, fir-rendikont ghas-sena 2006 ai fini ta' taxxa l-qliegh nett tieghu kien ta' Lm4,107 (Eur9,566)[40], fis-sena 2005 kien ta' Lm4080 (Eur9,503) u fis-sena 2007 kien ta' Lm4,940 (Eur11,507)[41]. Tenut kont tal-fatt li f'mestier bhal dak tal-attur ix-xoghol ivarja 'l fuq u 'l isfel skont id-domanda tas-suq, il-Qorti sejra tibbaza l-kalkolu fuq is-somma *flat rate* ta' Eur10,000 mehuda fuq is-somma medja aprossimattiva ghat-tlett snin imsemmija.

Likwidazzjoni ghal fini ta' lucrum cessans: Eur10,000 x 4 x 6% dizabilita'

[39] Nota ta' Sottomissjinijiet tal-attur paragrafu 7 et seq a fol 136 et seq
[40] Dok C a fol 22
[41] Dok CB2 a fol 98

permanenti = Eur2,400

Dwar it-tnaqqis minhabba l-*lump sum payment* l-Qorti tinnota li l-kawza giet intavolata fit-18 ta’ Frar 2008. L-attur ghalaq il-provi fis-26 ta’ Novembru 2013[42]; kien hemm ukoll xi dewmien sakemm il-periti perizjuri espletaw l-inkarigu taghhom. Fic-cirkostanzi l-Qorti sejra tordna t-tnaqqis ta’ 4% minhabba l-*lump sum payment* mis-somma appena likwidata.

**Total ta’ Lucrum Cessans: Eur 2,304 (elfejn tlett mija u erba Ewro)**.

**Ghalhekk is-somma finali dovuta lill-attur hija:**

Eur1,210.98 damnum emergens + Eur 2,304 lucrum cessans.

**TOTAL: Eur3,514.98 (tlett elef hames mija u erbatax il Ewro u tmienja u disghin centezmu.**

**B’hekk il-Qorti qeghda tiddeciedi dwar it-tieni u t-tielet talba tal-attur billi tilqaghhom u tillikwida u tordna l-hlas ta’ danni mill-konvenut lill-attur tas-somma msemmija. Ghal din ir-raguni t-tieni eccezzjoni tal-konvenut qeghda tigi michuda.**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi illi:**

1. **Tilqa’ l-ewwel talba tal-attur billi tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tat-18 ta’ Dicembru 2006 gewwa Tas-Sliema;**

2. **Tilqa’ t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mill-attur ghas-somma**

[42] Fol 106

ta' **Eur3,514,98 (tlett elef hames mija u erbatax il Ewro u tmienja u disghin centezmu;**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Eur3, 514.98 (tlett elef hames mija u erbatax il Ewro u tmienja u disghin centezmu;**

4. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tieghu;**

5. **Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep.Reg.**